GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 26 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 11 ta' Ottubru 2010, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;

2. Tagħrif mill-Minuti;

3. Korrispondenza;

4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Settembru 2010;

   b) Skeda ta' ħlas Settembru 2010.

5. Attivitajiet tal-Milied;

6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 25 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

1. Dwar il-laqgħa li saret il-Ħadd, 26 ta' Settembru, 2010, mal-Każin tal-Football ta' Ħal Għaxaq, is-Sindku qal li l-kumitat tal-każin jixtieq li l-Kunsill jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-*dressing rooms* u tal-*fence* tal-madwar il-grawnd. Il-kumitat jixtieq ukoll li jingħata t-*tarmac* fl-akwati tal-grawnd. Is-Sindku qal li fl-*area* fejn jingħata t-*tarmac* jista' l-quddiem isir grawnd tal-*basketball*.
   Is-Sindku qal li l-Kunsill jixtri l-materjal u x-xogħol isir minn ħaddiema tal-Gvern.
   Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar ikun li dan ix-xogħol ma jsirx minn naħa tal-Kunsill biss iżda jsir bejn il-kumitat tal-każin tal-*football* u l-Kunsill flimkien. Qal ukoll iżda li trid tintalab devoluzzjoni tal-grawnd qabel ma' jsir xi xogħol.

   Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett jerġa' jiġi diskuss fil-futur wara li terġa' ssir laqgħa bejn iż-żewġ partijiet.

2. Is-Segretarju xtaqet tagħmel punt fejn qalet li minħabba li l-*fax machine* tal-Kunsill hi bil-ħsara, hi ġabet waħda mid-dar biex jinqdew sakemm tinxtara waħda tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar hu li tinxtara waħda tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Segretarju qalet li l-ġimgħa li għaddiet inqala' nċident bejn l-iskrivana Ms Donna Mallia u l-ħaddiema tal-IPSL.
   Is-Sindku qal li ġie ħaddiem ta' kuntrattur tal-boroż tat-*tarmac* ġdid u l-iskrivana ċemplet lil Raymond Montebello biex jiġi xi ħadd mill-ħaddiema l-Kunsill għax tat-*tarmac* ma kienx jaf fejn qiegħed il-garaxx tal-Kunsill. Qal ukoll li l-iskrivana qegħda tgħid li s-Sur Montebello qal li kienu qed jistennewh ħdejn il-garaxx.
   Is-Segretarju qalet li s-Sur Montebello ma qalx mill-ewwel x'se jiġri u beda jġiba fit-tul biex jaraw min ġej juri lil tat-*tarmac* fejn hu il-garaxx. L-iskrivana kull ma' riedet hu li xi ħadd minnhom jiġi juri fejn hu l-garaxx.
   Is-Sindku talab lill-ħaddiema biex qabel imorru d-dar jiġu l-Kunsill u meta dawn ġew sar ħafna għajjat mis-Sur Montebello tant li beda jinstema' minn barra w anke daħal jara x'qed jiġri l-pulizija li kien l-Għassa faċċata.
   Is-Segretarju qalet li la l-iskrivana w ħadd m'għandu jiġi ttrattata b'dan il-mod u lanqas isir dak it-tip ta' diskors u għajjat fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

## 3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rċevejna Memos 52 u 93/2010 dwar il-Korsijiet tal-Lifelong Learning, fejn għarrfuna li ġew assenjati l-għalliema tal-Malti u l-Ingliż, il-korsijiet ser jingħataw ġewwa l-Kunsill.

Infurmawna wkoll li ser isir Seminar fil-15, t'Ottubru, 2010, bit-tema '*The European Union's Common Fisheries Policy in development of an Integrated Maritime Policy*', li għalih ser jattendi s-Sindku.
Sar ukoll Seminar dwar 'Viżjoni 2015', fis-6 t'Ottubru, 2010, li għalih attenda s-Sindku.
Infurmaw ukoll dwar Premju 'Ġieħ għall-Artiġjanat Malti'

Memo 126/2010 – Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'risq il-*Malta Community Chest Fund*. Il-Kunsill għadu ser jiddeċiedi fuq attivita' li jista' jagħmel.
Memo 127/2010 – Kuntratti dwar il-Ġbir tal-Iskart Mħallat, fejn riedu x'informazzjoni relatata ma' din l-offerta.
Memo 128/2010 – dwar Taħriġ għall-Impjegati tal-Libreriji Pubbliċi.

2. Mill-A.K.L., fejn infurmaw li ser isir Seminar dwar l-Anzjanita' – Opportunita' u Sfida, fis-16 t'Ottubru, 2010, dan ser jattendi għalih is-Sindku.
Irċevejna wkoll stedina għall-programm Affari Tagħna li fil-15 t'Ottubru, 2010, ser jitratta l-Kunsilli Lokali, sabiex ikunu preżenti fil-programm Sindki, Kunsillieri.
Bagħatu wkoll il-Programm dwar il-Laqgħa tas-Sindki.
Talbu tagħrif mill-Kunsilli, dwar dawk il-lokalitajiet li għandhom xi ġemellaġġi.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 612/10 għal Kostruzzjoni ta' bejt fuq sit eżistenti.
Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 958/10 fi Triq il-Belt Valletta k/m Sqaq il-Vova ( Rock Cut).
Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 3579/10 għal kostruzzjoni ta' health & beauty centre fi Triq iz-Zejtun.
Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 3668/10 sabiex isiru xi alterazzjonijiet interni f'Dawret Ħal Għaxaq k/m Triq il-Ħannieqa.
Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 3353/10 dwar *change of use* fi Triq tal-Barrani ( Schembri Barbros).
Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 3583/10 dwar emendi f'permess PA 2298/05 f'Valletta Rd.
Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 4346/10 dwar korrezzjoni ta' permess PA 4489/03 fi Triq il-Gudja.

Irċevejna dwar l-Applikazzjoni PA 3123/10 tal-*ground* fil-*Housing Estate* fir-rigward tar-rampa tal-persuni b'diżabilita' fejn talbu x'informazzjoni.

4. Mit-Transport Malta, fejn talbuna kjarifikazzoni għat-talba li saret biex Triq Dar il-Bebbux, tiġi għar-residenti biss, fejn intbagħatet *e-mail*. Is-Sindku qal li minn din it-triq jgħaddu vetturi ta' ċertu piż u qed ikissru t-tappieri tad-drenaġġ li jinsabu f'din it-triq.

5. Mill-ETC, infurmaw li s-Sur Bartholomew Portelli l-ħaddiem assenjat magħna, ser testendilhu l-iskema b'sitt xhur oħra.

6. Mill-ASKLM, stedina għas-Segretarju Eżekuttiv dwar l-għaxar Kungress ta'l-UDITE fid-29 u t-30 t'Ottubru fi Strasbourg.

7. Mill-MEUSAC fejn infurmaw li ħarġu żewġ sejħiet ta' l-ERDF u l-ESF.

8. Mingħand il-Perit Scicluna, fejn bagħat il-kont tax-xogħol li sar ta' *resurfacing* fil-*Housing Estate*.

9. Tlett Kwotazzjonijiet mingħand *Carini Stores Ltd.*, *Calmic* u *Zammit Trading Ltd.*, sabiex jinxtraw x'affarijiet għall-latrini pubbliċi ta' St.Rokku. Mill-prezzijiet li dawn ikkwotaw għal *Toilet Paper Holders*, *Soap Dispensers* u *Hand Towel Holders*, l-aktar vantaġġuzi kienu tal-*Calmic* għaldaqstant il-Kunsill iddecieda li l-affarijiet jinxtraw mingħand Calmic.

10. Tlett Kwotazzjonijiet mingħand *G. Caruana Ltd.* Ta' €385 (2 stroke), *The Agricultural and Pet Centre* ta' €358 (4 stroke) u *Zahra Enterprises Ltd.ta' €270 (2 stroke) u €329 (4 stroke)*, dwar *grass cutter*. Ġie deċiż li jinxtara wieħed *4 stroke* u l-irħas huwa ta' *Zahra Enterprises*.
Il-Kunsill qabel li jinxtara wieħed *4 stroke*.

11. Mingħand is-Sur Cremona , *Head Entertainment* ġewwa San Vincenz, fejn qed joffri sabiex il-Kunsill jagħmel xi rappreżentazzjoni u jintaqu mar-residenti tal-lokal. Il-Kunsill iddeċieda li dan s-suġġett jiġi diskuss f'laqgħa oħra fil-futur.

12. Mingħand GM Productions, fejn infurmawna li Annalise Caruana ser tirrapreżenta Ħal Għaxaq fil-kompetizzjoni ta' Miss Malta u l-Kunsill iddeċieda li s-Sindku jippreżentalha '*Recognition Award*'.

13. Mill-Enemalta, fejn għarrfu li jekk il-Kunsill ikun irid japplika għal servizz temporanju ta' l-elettriku jista' jagħmel dan minn fuq is-sit www.enemalta.com.mt

14. Mill-*Occupational Therapy*, irċevejna stedina għas-Sindku u l-Kunsillier responabbli mill-Qasam Soċjali għal attivita' fl-20 t'Ottubru, 2010 fis-7.30pm it-teatru MCH.

15. Mill-WasteServ, fejn infurmaw bil-*European Week for Waste Reduction*, fejn il-Kunsilli huma mistiedna jimplemetaw x'attivitajiet b'konnessjoni mas-suġġett.

16. Mingħand Ms Camilleri, ta' *St.Philip Pharmacy*, fejn xtaqet tibda tirreġistra residenti ghat-tilqima ta' kontra l-Influwenza. Dwar din l-ittra l-Kunsill iddeċieda li jwieġeb lil Ms Camilleri fejn jgħidilha li din is-sena diġa' nġabru l-ismijiet u għalhekk sena oħra l-ittra tagħha tiġi kkunsidrata.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lit-Trasport Malta, dwar l-inċident li kien sar fil-Bypass, fejn kienet tkissret il-bankina, sabiex tiġi msewwija mill-*insurance* ta' l-individwu.

b) Intbagħatet e-mail lis-Sur Zarb tat-Turiżmu, dwar stedina sabiex jiġu diskussi xi programme ta' eskursjonijiet, fejn il-Kunsill talab sabiex jagħmel laqgħa miegħu.

c) Intbagħatet il-lista lill-immunisation dwar it-Tilqima ta' kontra l-Influwenza.

**Is-Sinjura Rose Agius ħalliet il-kamra fis-2.55pm minħabba li kienet ser tattendi funeral tal-familja.**

**4. Materji Finanzjarji**

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Settembru li kienu jammontaw għal €11.05. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€11.05 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Settembru 2010*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2010 u li jammontaw għal €19,781.53. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sur Attard. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Attivitajiet Tal-Milied**

Saret diskussjoni dwar l-armar tal-Festa tal-Milied fuq barra fit-toroq u ġie deċiż li tinħareġ kwotazzjoni għal 10 fustuni bid-disinji li jikkonsistu f'*running lights* u jkun fihom mill-anqas disinn b'konnessjoni mal-Milied.

Sar qbil li l-Kunsill jinforma l-Għaqdiet tar-raħal li l-Kunsill ikun qiegħed jilqgħa l-Awguri tal-Milied fl-Uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħadd, 2 ta' Jannar 2011, filgħodu.

**5. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.**

1. Is-Sindku qal li minn meta beda jopera l-kuntrattur il-ġdid ġimgħa ilu hu dejjem ra żewġ kenniesa u mhux tlieta kif suppost. Is-Segretrju qalet li hi rat tlieta jikinsu, il-Viċi Sindku wkoll qal li ra tlieta iżda kompla jgħid il-Viċi Sindku jekk hemm xi dubju l-aħjar niktbu lill-kuntrattur biex jivverifika li hu qed jopera skond il-kuntratt bi tlieta min nies. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw żewġ mirja waħda għal Triq Kalamija w oħra għal Triq il-Belt Valletta minħabba li dawn tqaċċtu bil-maltemp. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtara konkos biex jintuża fi Triq li tagħti għal Wied Għar Dalam u Triq Kalamija. Ghat-Triq li taghti ghal Wied Ghar Dalam hemm il-htiega ta 12 il-jarda. Aktar tard jinxtara konkos ghal Triq Kalamija. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sur Vassallo qal li jixtieq li n-nies tar-raħal jinqdew bis-servizzi tas-*Social Service* mill-Kunsill meta jkollhom bżonn jibgħatu ċertifikat u qal li jekk il-Kunsill jaqbel il-Kunsill ikellem lis-Sur Mark Musu, mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali biex tibda tiġi persuna mis-*Social Service* darbtejn fil-ġimgha tiġbor dawn iċ-ċertifikati. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sur Attard qal li aktarx il-*Cleansing Services* se jitilqu l-garaxx li għandhom ġo Ħal Għaxaq u l-Kunsill iddeċieda li jitlob id-Dipartiment dan il-garaxx biex ikun jista' jintuża mill-Kunsill.

6. Is-Sindku qal li tinħtieġ issir bozza fi Triq is-Salib k/w Triq 1 ta' Jannar 1626. Il-Kunsill qabel.

**Is-Sinjura Agius irritornat lura 4.00pm**

7. Is-Sindku qal li fi Triq Giuseppi Gravina hemm żewġ postijiet fejn fihom iżomm ħafna ilma għalhekk jeħtieg li nqabbdu l-kuntrattur biex jiġi jippaċċjhom bil-*hot tarmac*. Il-Kunsill qabel.

8. Il-Viċi Sindku qal li quddiem il-Bank of Valletta fi Triq iż-Żejtun ikun hemm ħafna ilma. Il-Kunsill qabel li nikkuntttjaw il-*Water Service Corporation* biex jiġu jaraw jekk hemmx xi kanna maqsuma.

9. Is-Sindku qal li l-Kunsill rċieva r-rapport tal-Perit Marvin Ellul dwar it-*tender* tat-toroq taħt l-iskema PPP.

Il-Viċi Sindku qara r-rapport tal-Perit Marvin Ellul u qal li bħala kuntratturi t-tnejn li tefgħu l-Offerta dejjem ħadmu tajjeb iżda l-Perit ħa in konsiderazzjoni tax-xogħol li jinħtieġ isir mill-Kunsill, għaldaqstant il-Perit irrakomanda li t-*tender* tingħata lill-Bonnici Bros.

Il-Kunsill unanimament qabel li l-Offerta tingħata lill-Bonnici Bros.

## 6. Aġġornament

Is-Sindku fil- 4.45pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 9 ta' Novembru 2010, fis-1.00pm.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Ikkonfermati:- It-Tlieta 9 ta' Novembru 2010, fis-1.00pm.**